MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTHONY ELLUL

Seduta tas-7 ta' Jannar, 2008

Citazzjoni Numru. 35/2007

Noel Attard, Mario Attard, Giovann Attard bhala eredi tal-mejta ommhom Benigna Attard nee Hili

Vs

Direttur tar-Registru Pubbliku ghal Ghawdex

Il-Qorti,

Rat ir-rikors guramentat prezentat fil-21 ta’ Marzu 2007 li permezz tieghu l-atturi qeghdin jitolbu korrezzjoni fl-att tat-twelid ta’ ommhom Benigna Attard (fol. 5) in kwantu isem missierha (indikat bhala Michael) jigi mhassar u sostitwit bl-isem ta’ Emanuel, u korrezzjoni ohra fl-att tal-mewt ta’ ommhom Benigna Attard (fol. 4) in kwantu isem missierha u ndikat bhala Michael meta kellu jkun Emanuel.

Rat ir-risposta guramentata prezentata mill-konvenut (fol. 17-19) li permezz taghha rrileva diversi skorrettezzi li saru fir-rikors guramentat prezentat mill-atturi.

Semghet lid-difensuri tal-partijiet jiddikjaraw fis-seduta tal-lum li ma kienx hemm iktar provi x'jitressqu.

Ikkunsidrat:-

1. Mill-provi li tressqu m'hemmx dubju li isem missier Benigna Attard kien "Emmanuele" (ara f'dan ir-rigward xhieda ta' Dun Karm Mercieca u l-estratt mir-Registru tal-Maghmudija tal-Parrocca tax-Xewkija (fol. 39-40), kif ukoll l-att tat-twelid (fol. 35) u l-att tal-mewt (fol. 36) ta' l-istess Emmanuele Hili). Ghalhekk hemm htiega ta' korrezzjoni fl-att tat-twelid u tal-mewt ta' Benigna Attard xebba Hili u fl-att ta' zwieg (fol. 20) ta' Emmanuele Hili.

2. Ghal kull buon fini l-Qorti qeghda tordna korrezzjoni fir-rikors guramentat prezentat mill-atturi fis-sens li qeghdin jitolbu li l-isem Michael jigi sostitwit bl-isem ta' **Emmanuele**. Fatt li gie kkonfermat mill-attur fis-seduta tal-lum. Min-naha tieghu l-konvenut m'huwiex joggezzjona ghal din il-korrezzjoni u mill-atti hu evidenti li isem missier Benigna Attard xebba Hili kien **"Emmanuele"** u mhux Michael jew Manueli.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qeghda taqta' u tiddeciedi l-kawza billi tilqa' t talbiet ta' l-atturi u tordna korrezzjoni ta':

(a) L-att tal-mewt ta' Benigna Attard mart John Attard bin-numru ta' iskrizzjoni 13/2007, fis-sens li taht il-kolonna *Isem u Kunjom il-Genituri, jekk hajjin jew mejtin*, l-isem "Michael" jigi mhassar u sostitwit bl-isem **"Emmanuele"**;
(b) L-att tat-twelid ta' Benigna Attard bin-numru ta' iskrizzjoni 870/1943 li twieldet fit-12 ta' Dicembru 1943 gewwa x-Xewkija, Ghawdex, fis-sens li taht il-kolonna *Isem u kunjom ta' missierha* l-isem "Michael" jigi mhassar u sostitwit bl-isem **"Emmanuele"**.

(c) L-att ta’ zwieg ta’ Emmanuele Hili (numru 60/1941), li fis-17 ta’ Mejju 1941 zzewweg lil Nazzarena Haber gewwa Xewkija, Ghawdex, fis-sens li taht il-kolonna isem u kunjom l-isem “Manueli” jigi mhassar u sostitwit bl-isem **“Emmanuele”**.

Fir-rigward tat-tieni talba m’hemmx ordni x’tinghata in kwantu kopja ta’ l-atti kif korretti tista’ tigi rtirata mill-atturi mir-Registru Pubbliku.

Fl-ahharnett tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex tibghat kopja legali tas-sentenza lill-konvenut fit-terminu stipulat fl-Artikolu 256 tal-Kodici Civili (Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta) sabiex issir il-korrezzjoni ordnata mill-Qorti.

Spejjez jibqghu minghajr taxxa.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------